# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta, 5 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Numru 1751/2020TA**

**Il-Malta Association of Professional Engineers [MAPE] –**
**Trade Union Reġistrata bin-Numru: 311**

**vs**

**[1] Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija,**
**[2] L-Av Dr. Noel Camilleri *qua Chairperson***
**il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija,**
**[3] Dr. Inġ. Brian Micallef [K.I. Nru: 184687M],**
**[4] Inġ. Samuel Bonanno [K.I. Nru: 1188M],**
**[5] Inġ. Fabio Stivala [K.I. Nru. 448568M],**
**[6] Dr. Inġ. Simon Fabri [K.I. 0233665M],**
**[7] Inġ. Robert Schembri [K.I. Nru: 0222960M], u**
**[8] Inġ. Keith Chetcuti [K.I. 0248577M]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Malta Association of Professional Engineers [MAPE] tal-11 ta' Diċembru 2020;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Diċembru 2020;

Rat ir-risposti rispettivi tal-intimati;

Rat l-atti u dokumenti kollha f'dawn il-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda prodotta mill-partijiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Dak li qed titlob l-Assoċjazzjoni rikorrenti fil-qosor huwa rikapitulat fl-aħħar paragrafu tar-rikors tagħha.

Fi ftit kliem, trid twaqqaf lill-Bord intimat milli jkun "*jista' japprova l-korsijiet tal-Inġineria tal-MCAST inkluz il-pre-warrant qualification course (PWQC) li jwassal sabiex il-gradwati minn dawn il-korsijiet sal-lum ikkunsidrati mankanti u defiċjenti f'diversi oqsma, jkunu jistgħu japplikaw għall-ħruġ ta' warrant biex jipprattikaw ta' engineer mingħajr verament żammet proċess ta' konsultazzjoni hekk kif stipulat fl-ATT XXV tal-2020, mal-enġiniera professjonali hekk kif rappresentati mill-Union esponenti li f'Malta u f'Għawdex huma sostanzjalment numerużi.*"

Kif ingħad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawża **"Camilleri vs Gove` et", deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01**: *"li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu*

*kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

Għalhekk, din Qorti, f'ammont ta' digrieti li tat fi proċeduri ta' din ix-xorta, dejjem insistiet, li ma għandhiex tagħmel osservazzjonijiet li jirrażaw determinazzjoni fil-mertu, għax b'hekk tkun qed tipprovdi ammunizzjon ta' argumenti legali, li tista' tintuża quddiem dik il-Qorti, li tiġi adita biex tiddeċiedi definittivament dwar il-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Il-Qorti qieset sewwa l-provi kollha u dan **ai fini biss ta' dawn il-proċeduri**. Qabel ma tikkonsidra kull ħaġa oħra hemm żewġ aspetti ta' natura proċedurali li għandhom ikunu kkunsidrati.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li minkejja l-frekwenza ta' talbiet li jsiru biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni, dan ma jneħħi xejn minn natura proċedurali speċjali ta' din il-proċedura. Li persuna tinżamm milli jagħmel xi ħaġa pendenti kawża li biha tkun ġiet dedotta l-pretensjoni, hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kulħadd għandu liberament jaġixxi kif jidhirlu l-aħjar salv jekk b'tali aġir ikun ser jirreka preġudizzju lil ħadd ieħor. Għalhekk ġie ribadit kemm-il darba minn dawn il-Qrati li *"Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li bil-metodu sommarju għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet <u>bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni</u>**.** Il-mansjoni ta` din il-Qorti*

*mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni."* (Ara digriet tas-**7 ta` Lulju 2016 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 762/2016 JZM fl-ismijiet: L-Avukat Cedric Mifsud nomine kontra Iannelli Ferdinando Passaport AA 3597279 proprio et nomine per Imħallef Joseph Zammit Mckeon**. Emfażi ta' din il-Qorti).

Fid-dawl li din hija proċedura speċjali, din il-Qorti hija obbligata skrupolosament tikkontrolla, mhux biss jekk jesistux iż-żewġ elementi proverbjali li dawn il-Qrati jsegwu b'konsistenza kbira, iżda jekk ukoll, hux qed tkun osservata sagramentalment, il-proċedura li jiddettaw iż-żewġ artikoli prinċipali tal-liġi f'dan ir-rigward, fil-każ odjern, l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Għalhekk fid-dawl ta' dak appena osservat huwa obbligu ta' din il-Qorti li teżamina, jekk proċeduralment ġewx sodisfatti l-elementi kollha rikjesti minn artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qed jingħad peress dak li qed jintalab huwa dirett lejn Awtorita' Pubblika bħal ma fil-fatt huma l-intimati Bord tal-Professjoni tal-Enġiniera u Dr. Noel Camilleri qua Chairperson tal-imsemmi. Huwa dan il-Bord li jrid u mhux l-intimati individwalment l-oħrajn li jagħmel dak li qed titlob li jinżamm l-Assoċjazzjoni rikorrenti .

L-artikolu 873(3), inkwantu jirrigwarda l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Gvern jew Awtorita' jiddisponi b'mod ċar is-segwenti:

"*(3) Il-qorti <u>m'għandha toħroġ ebda mandat</u> bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha <u>kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ</u> li l-ħaġa li qed tintalab li tiġimiżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta,wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba majinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qedjitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."* (Emfażi tal-Qorti.)

Il-Qorti eżaminat l-atti u minn imkien ma rriżultalha li dak li espressament trid din il-parti tal-liġi ġiet sodisfatta. Ai fini ta' dan l-element partikolari, l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti, indipendentement minn dak kollu li sar fil-perkors tas-smiegħ ta' dan ir-rikors, huwa wieħed prettament formalistiku, li jikkonsisti biss fl-aċċertament li tali konferma saret bil-mod li titlob il-liġi.

L-Awtorita' intimata kienet presenti u rappresentata u ma għamlet ebda dikjarazzjoni bħal din minn jeddha fil-miftuħ. Minn naħa l-oħra, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-kontroparti milli titlob li ssir din id-dikjarazzjoni. Li kieku intalbet, l-Awtorita' intimata kien ikollha bil-fors tagħmilha, fid-dawl ta' dak li tgħid il-liġi. F'sitwazzjoni simili, huma l-partijiet interessati li għandhom jaraw x'titlob il-proċedura. Fin nuqqas, mhux akkonsentit li din

il-Qorti tiġbed konklużjoni naħa jew oħra, għaliex dak li titlob il-liġi huwa ċar, espress u tassattiv. Il-Qorti ma tistax tiddeżumi x'għandha f'moħħha l-Awtorita' mid-dibattitu li jkun sar waqt is-smiegħ.

Dawn il-Qrati kellhom okkażjoni li jesprimu rwieħhom dwar din il-parti tal-liġi u qalu hekk: *"Prior to the issue of a warrant of prohibitory injunction against a public authority, the authority must not only be allowed to reply but must be heard in open court."* (ara **Sentenza fl-ismijiet Parliamentary Secretary for Housing vs Salvu Bugeja deċiża fit-13 ta' Ġunju tal-1989 Q.K**). Dan ifisser, li anke jekk fir-risposta jkun hemm ċar li dak li qed jintalab li jkun miżmum ikun ser isir, xorta waħda dan il-fatt waħdu ma jissodisfax il-vot tal-liġi, jekk dan ma jkunx konfermat quddiem il-Qorti fil-miftuħ. Daqstant hija tassattiva l-liġi fuq dan il-punt!

Di piu', fil-bidu tagħhom, dawn il-proċeduri ħadu aspett proċedurali pjuttost pekuljari, meta permezz ta' żewġ rikorsi separati, kemm il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Tekonoloġija (MCAST) u kif ukoll Anne Marie Said u oħrajn talbu li jintervjenu *in status et termini* abbażi tal-artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta f'dawn il-proċeduri. Fis-suċċint din il-Qorti iddeċidiet li tali talbiet jistgħu isiru biss fil-perkors ta' kawża u dawn il-proċeduri ma humiex kawża ai fini tal-artikolu in kwistjoini. Għalhekk ċaħditilhom it-talbiet.

Mir-rikors promotur jemerġi b'mod manifest, li r-rikorrenti kienu jafu li dan il-Kulleġġ kien ser ikollu interess f'dawn il-proċeduri tant li issir referenza għalih kontinwament fir-rikors promotur. Jissemma' saħansitra fit-talba.

Għalhekk, ġaladarba dawn il-proċeduri jistgħu jaffettwawh, anke in vista tal-fatt, li kif diġa' ingħad, fi proċeduri bħal dawn ma jistax jipprevali ruħu mill-fakulta' taħt artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, kien neċessarju, li jkun parti f'dawn il-proċeduri formalment. B'hekk jitqiegħed ukoll fil-posizzjoni, li jeżerċita d-drittijiet tiegħu taħt il-liġi, skont il-proċedura apposita, f'każ li ma jaqbilx mad-digriet ta' din il-Qorti. Għalhekk f'dan ir-rigward ir-rikors jonqos, għaliex ma hux sewwa, li din il-Qorti tilqa' talbiet bħal dawn, meta l-interess ta' terzi li jistgħu jintlaqtu bl-effetti ta' dawn il-proċeduri kienu manifestament magħrufa fil-mument li ġew intavolati dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant din il-Qorti, fil-waqt li qed tirrevoka d-digriet tal-ordni provvisorja tal-11 ta' Diċembru 2020, qegħdha tiċħad it-talbiet tal-Assoċjazzjoni rikorrenti bl-ispejjes kontra tagħha.

**Mogħti kameralment illum 5 ta' Jannar, 2021**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**